MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 381/2006

Il-Pulizija
(Spt. M. Bonnici)

Vs

Manuel Tanti u
Carmelo Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Frar, 2005, ghall-habta tal-10.30 hrs fi Triq is-Sajf ta' San Martin, Bahrija l/o Rabat, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunaw hsara nvolontarja f' *"fibre optic cable"* ghad-detriment tal-kumpanija Maltcom p.l.c.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 328 tal-Kap. 9, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannathom hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) multa kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhomipprezentat fid-29 ta' Novembru, 2006, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-istess appellanti mhux hatja tal-akkuza dedotta kontra taghhom, u tilliberahhom minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti u cioe' li ghalkemm huma kkagunaw hsara involontarja f' fibre optic cable ghad-detriment tas-socjeta' Maltacom plc, b'dana kollu kien jehtieg li jigi ppruvat bla ebda dubju dettat mir-raguni li l-hsara minnhom maghmula saret b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Dan l-element ma giex pruvat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xiehda mill-gdid fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2007;

Rat il-verbal registrat fl-istess udjenza li bih il-partijiet iddikjaraw li mhux kontestat li l-hsara li saret fil-*fibre optic cable* saret mill-appellanti waqt li kienu qed ihaffru ghal xi pajpijiet tal-ilma.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xiehda ta' **Silvan Montesin,** li hu impjegat bhala Engineer mal-Maltacom plc, irrizulta li d-ditta kellha rapporti ta' qtugh tas-servizzi taghha fil-Bahrija fis-16 ta' Frar, 2005 u meta hu mar fuq il-post, sab li l-*fibre optic*

*cable* kien maqtugh. Mir-ricerki li hu kien ghamel sab li ma kienet saret ebda talba ghal permess ta' thaffir f' dak il-post mill-Water Services Corporation, mill-appellanti personalment jew mill-foreman taghhom. Il-cable tal-Maltacom kien ghaddej fuq il-pipe tal-Water Services Corporation.

**L-appellanti** ma xehdux izda ma jikkontestawx il-fatt li l-hsara saret waqt it-thaffir li kienu qed jaghmlu huma dak in-nhar.

Ikkonsidrat;

Illi hu ovvju ghal kullhadd li minn taht is-superficje tat-toroq ikunu ghaddejjin ghadd ta' servizzi bhal ma huma *cables* tal-elettriku w tat-telefon kif ukoll *pipes* tal-ilma w li mhux ghalkemm taqbad u thaffer bl-addocc u kif gie , gie u fejn laqat, laqat u fejn ma laqatx ma laqatx. Ghalhekk kull min hu f' dan il-mestier ta' xoghol ta' thaffir jew *trenching* jaf li jekk ma joqghodx attent jista' facilment jikkaguna hsarat fis-servizzi ta' xi entita', korporazzjoni jew kumpanija ohra tal-*utilities*. Ergo, dan jimponi obbligu fuq min jigi biex ihaffer li joqghod ferm attent u ma jhaffirx qabel ma jkun ghamel l-accertamenti kollha possibbli biex ikun infurmat minn qabel ma x' xhiex jista jiltaqa' u anki waqt it-thaffir innifsu jipprocedi b' kawtela w attenzjoni kontinwa biex, kif jintebah li hemm xi haga ohra fin-nofs, ikun fi grad li jevitha, jdur maghha w ma jaghmillhiex hsara.

Illi f' dan il-kaz jirrizulta li l-Maltacom ma rceviet ebda rikjesta ghall-xi informazzjoni tali la mill-Water Services Corporation, la minn xi foreman tal-appellanti w, inqas u inqas, mill-appellanti nnifishom u ghalhekk dawn gew haffru bl-addocc u bla ma saru l-accertamenti mehjtiega.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan minnu nnifsu jikkostitwixxi in-nuqqas ta' hila fl-arti u s-sengha rikjest mill-ligi f'din l-imputazzjoni kif ukoll in-negligenza, li tikkonsisti fin-nuqqas ta' diligenza ordinarja biex jigu evitati d-danni lil haddiehor.

Hu minnu li jista' jigi argumentat li, se mai, ir-responsabbilta' li taghmel l-accertamenti mehtiega kienet tal-Water Services Corporation li timpjega lill-appellanti jew ukoll tal-foreman taghhom, izda anki jekk dawn kienu ukoll negligenti, dan ma jezonerax lill-appellanti milli anki huma, bhala l-agenti materjali li kkagunaw id-danni, ma jivverifikawx li kienu saru dawn l-accertamenti ma min qabbadhom qabel ma intraprendew ix-xoghol materjali tat-thaffir li kienu l-kawza tad-danni. F' sede kriminali kull persuna twiegeb ghall-agir taghha indipendentement min dak li jkun ghamel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut <u>unikament u eskluzivament</u> ghall-agir ta' persuna ohra. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [ 16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano"[**3.11.1963]; "**Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Vol.XXXVII, p. iv. p. 1131.] u ohrajn.) Il-contributory negligence ta' haddiehor ma tezonerax lil dak li jkun sakemm ma tkunx il-kawza unika tal-event dannuz. (ara : App.Krim. "**Il-Pulizija vs. P. Vassallo"** Kollezz. Vol. XXXVIII, p. iv. p. 883) u dan ghaliex kif jghid il-MAZENGARB meta gie citat b' approvazzjoni fl-Appell Civili **"Camilleri vs. Cutajar"** [9.12.1968]:-

*"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

F' dan il-kaz ma hemmx dubju li d-danni fil-*fibre optic cable* kienu "*the natural and direct outcome*" tan-negligenza tal-appellanti.

B' dana kollu, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li, f' kazijiet simili, jkun ferm aktar ekwu w gust li oltre l-agenti materjali li jkunu kkagunaw il-hsara, jigu wkoll mixlija s–superjuri taghhom li jkunu qabbduhom ihaffru jew jintraprendu xogholijiet simili minghajr ma jkunu ghamlu huma ukoll l-accertamenti mehtiega.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------